

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/256**tal-20 ta' Frar 2018****li jemenda għall-281 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-ISIL (Da'esh) u mal-organizzazzjoni Al-Qaida**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-ISIL (Da'esh) u mal-organizzazzjoni Al-Qaida ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1)(a) u l-Artikolu 7a(5) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mill-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi skont dan ir-Regolament.
- (2) Fl-14 ta' Frar 2018 il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jemenda entrata waħda mil-lista tal-persuni, tal-gruppi u tal-entitajiet li għalihom jenħtieġ li japplika l-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi. Għalhekk jenħtieġ li l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fl-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Frar 2018.

*Għall-Kummissjoni,**F'isem il-President,**Il-Kap tas-Servizz għall-Istrumenti tal-Politika Barranija*

⁽¹⁾ ĠUL 139, 29.5.2002, p. 9.

ANNEX

Fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002, l-entrata “Djamel Lounici (magħruf ukoll bħala Jamal Lounici). Indirizz: l-Alġerija. Data tat-twelid: 1.2.1962. Post tat-twelid: l-Alġier, l-Alġerija. Nazzjonalità: Alġerin. Informazzjoni oħra: (a) Isem il-missier huwa Abdelkader u isem l-omm huwa Johra Birouh; (b) Reġa’ lura lejn l-Alġerija mill-Italja, fejn ilu jirrisjedi minn Novembru 2008; (c) L-iben tar-rispett ta’ Othman Deramchi. Id-data tad-deżinjazzjoni msemija fl-Artikolu 2a(4)(b): 16.1.2004”, taħt l-intestatura “Persuni fiżiċi”, tinbidel b’dan li ġej:

“Djamel Lounici (magħruf ukoll bħala Jamal Lounici). Indirizz: l-Alġerija. Data tat-twelid: 1.2.1962. Post tat-twelid: l-Alġier, l-Alġerija. Nazzjonalità: Alġerin. Informazzjoni oħra: (a) Isem il-missier huwa Abdelkader u isem l-omm huwa Johra Birouh; (b) Reġa’ lura lejn l-Alġerija minn Franza, fejn ilu jirresjedi minn Settembru 2008; Id-data tad-deżinjazzjoni msemija fl-Artikolu 7d(2)(i): 16.1.2004.”
